MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 365/2008

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Dicembru 1984, fil-Knisja Ta Gisu, Valletta, kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'A';

Illi l-kunsens tal-attrici ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibbli ghall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Ghaldaqstant, l-attrici titlob sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat fit-22 ta' Dicembru 1984, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, il-konvenut ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat l-affidavit prezentati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi:

"*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe' li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega*", ("**Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Jannar, 2006).

Fil-kaz odjern, il-hajja mizzewga tal-attrici kienet wahda ta' hruxija, krudelta', vjolenza u abbuz psikologu da parti ta' zewgha. L-affidavit taghha, kif sorrett mix-xhieda minnha prodotta, huwa sensiela ta' episodji ta' agir krudili fil-konfront taghha minn zewgha li ma thalli fil-Qorti ebda dubju li r-ragel f'dan iz-zwieg kien effettivament ibati minn difett serju ta' gudizzjoni li lilu impedih milli jifhem x'kienet timporta essenzjalment hajja mizzewga – cioe' dik il-komunjoni ta' hajja, imhabba u sostenn reciproku. L-affidavit taghha huwa elenku estensiv ta' hruxija sadika liema bhalha li jwassal lill-Qorti biex tqis li zewgha ma kellu la l-hila u lanqas l-intenzjoni li jghix zwieg.

Fid-dawl ta' tal-insenjament tal-Qorti fil-kawza "**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Novembru, 1995):

"*Ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia <u>gravi</u>, minn dik il-fakolta' kritika – estimativa jew kritika – valutativa <u>dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg,</u> jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera <u>dwar l-imsemmi oggett.</u> Id-difett serju ta' diskrezzjoni, ghalhekk, ma hux sempliciment <u>nuqqas</u> ta' riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet <u>zbaljati</u> – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju.*"

U kif intqal mill-Qorti fil-kawza “**Kevin Spiteri vs Avukat Dr. Renzo Porsella Flores et noe**”, (deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fit-18 ta’ Jannar, 2000):

“*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring” (Viladrich, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686).*”

Il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-kunsens tar-ragel f’dan iz-zwieg kien fil-fatt vizzjat. L-attrici rnexxielha tipprova dan ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ t-talba tal-attrici u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-22 ta’ Dicembru 1984 huwa null u bla effett.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------